Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Ġunju 2022**
**(OR. en)**

**9641/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0176(NLE)**

**JAI 783**
**COPEN 220**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Mejju 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 247 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar iż-żieda tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni mal-oqsma ta’ kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 247 final.

Mehmuż: COM(2022) 247 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.5.2022
COM(2022) 247 final

2022/0176 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar iż-żieda tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### (1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

(1) Introduzzjoni

Il-miżuri restrittivi huma għodda essenzjali għall-promozzjoni tal-objettiv tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni ("PESK"), kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"). Dawn l-objettivi jinkludu s-salvagwardja tal-valuri tal-Unjoni, iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali kif ukoll il-konsolidazzjoni u l-appoġġ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.

Għall-finijiet tal-preservazzjoni ta' dawn il-valuri, l-Unjoni tista' timponi miżuri restrittivi kontra pajjiżi terzi, entitajiet jew individwi. Dawn il-miżuri jinkludu miżuri individwali mmirati, jiġifieri, sanzjonijiet finanzjarji mmirati (iffriżar tal-assi) u restrizzjonijiet fuq id-dħul (projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar), kif ukoll miżuri settorjali, jiġifieri embargo fuq l-armi jew miżuri ekonomiċi u finanzjarji (eż. restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni, restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' ċerti servizzi, bħas-servizzi bankarji)[1]. Il-preservazzjoni tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, hija ta' rilevanza partikolari fil-kuntest attwali tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. L-Unjoni stabbiliet sensiela ta' miżuri restrittivi kontra individwi u kumpaniji Russi u Belarussi, li wħud minnhom imorru lura għall-2014. F'dan il-kuntest, sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fl-infurzar ta' dawn il-miżuri restrittivi, il-Kummissjoni stabbiliet it-Task Force "Iffriżar u Sekwestru"[2]. Minbarra li tiżgura l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri u l-Aġenziji tal-Unjoni bħall-Europol u l-Eurojust, hija tfittex li tesplora l-interazzjoni bejn miżuri restrittivi u miżuri tad-dritt kriminali.

Bħalissa, l-Unjoni għandha aktar minn 40 reġim ta' miżuri restrittivi fis-seħħ. Uħud minn dawn jimplimentaw miżuri restrittivi min-Nazzjonijiet Uniti; oħrajn jiġu adottati b'mod awtonomu mill-Unjoni. Minbarra r-reġimi li jindirizzaw sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, l-Unjoni adottat ukoll reġimi orizzontali mmirati lejn il-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi,

---

[1] Il-Kunsill jadotta miżuri restrittivi. Il-Kunsill l-ewwel jadotta Deċiżjoni tal-PESK skont l-Artikolu 29 TUE. Il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill huma implimentati jew fil-livell tal-Unjoni jew f'dak nazzjonali. Il-prattika sal-lum kienet li miżuri bħall-embargo fuq l-armi jew ir-restrizzjonijiet fuq id-dħul jiġu implimentati direttament mill-Istati Membri, li huma legalment marbuta li jaġixxu f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-PESK. Miżuri oħrajn li jinterrompu jew inaqqsu, parzjalment jew kompletament, ir-relazzjonijiet ekonomiċi ma' pajjiż terz kif ukoll miżuri individwali li jiffriżaw il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi, li b'hekk jipprojbixxu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi, huma implimentati permezz ta' Regolament adottat mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 215 TFUE. Id-dispożizzjonijiet kontra ċ-ċirkomvenzjoni jinstabu fiż-żewġ tipi ta' atti.

[2] Enforcing sanctions against listed Russian and Belarusian oligarchs: Commission's "Freeze and Seize" Task Force steps up work with international partners, Press release European Commission, 17.03.2022, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_22_1828; 'Freeze and Seize Task Force': Almost €30 billion of assets of Russian and Belarusian oligarchs and entities frozen by the EU so far, Stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea, 08.04.2022, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_22_2373.

l-attakki ċibernetiċi, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u t-terroriżmu[3]. Il-miżuri restrittivi huma vinkolanti fuq l-Istati Membri tal-Unjoni u fuq kwalunkwe persuna jew entità fil-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri (operaturi tal-UE)[4]. L-infurzar inkonsistenti ta' miżuri restrittivi jimmina l-effikaċja tagħhom u l-kapaċità tal-Unjoni li titkellem b'vuċi waħda[5]. L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni huma primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk kienx hemm ksur tar-Regolament rilevanti tal-Kunsill adottat skont l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u jadottaw miżuri adegwati.

F'dan ir-rigward, ir-Regolamenti tal-Unjoni sistematikament jinkludu dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw regoli nazzjonali li jipprevedu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-Regolamenti[6].

Dawn ir-Regolamenti ġeneralment jinkludu:

- il-miżuri restrittivi;
- il-klawżola kontra ċ-ċirkomvenzjoni, li tipprojbixxi l-parteċipazzjoni magħrufa u intenzjonata f'attivitajiet li jfittxu li jevitaw il-miżuri restrittivi inkwistjoni[7]; u
- obbligi oħra, b'mod partikolari li jirrapportaw dwar il-passi meħuda għall-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi (eż. rapportar lill-awtoritajiet tal-ammont ta' assi li ġew iffriżati).

L-Artikolu 215 TFUE jipprovdi bażi ġuridika sabiex il-Kunsill jadotta l-"miżuri meħtieġa" fil-każ ta' adozzjoni ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni. Madankollu, il-bażi ġuridika għall-adozzjoni ta' miżuri restrittivi ma tippermettix l-approssimazzjoni tad-definizzjonijiet tad-dritt kriminali u t-tipi u l-livelli ta' pieni kriminali[8].

Kif se jiġi diskuss f'aktar dettall fit-taqsimiet ta' hawn taħt, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, is-sistemi nazzjonali jvarjaw b'mod sinifikanti fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tal-ksur tar-Regolamenti tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi tal-Unjoni ("ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni"). Bl-istess mod, is-sistemi tal-pieni kriminali jvarjaw sostanzjalment.

[3] Għal ħarsa ġenerali, ara l-mappa tas-sanzjonijiet tal-UE, disponibbli fuqhttps://www.sanctionsmap.eu/#/main.

[4] Il-miżuri restrittivi tal-UE japplikaw fil-ġuriżdizzjoni (territorju) tal-Unjoni: għal ċittadini tal-UE fi kwalunkwe post: għal kumpaniji u organizzazzjonijiet inkorporati skont il-liġi ta' Stat Membru- inklużi fergħat ta' kumpaniji tal-UE f'pajjiżi terzi; abbord inġenji tal-ajru jew bastimenti fil-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri; Il-Kummissjoni Ewropea, Mistoqsijiet Frekwenti: Miżuri restrittivi (sanzjonijiet), disponibbli fuq https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_22_1401.

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza, COM(2021) 32 final tad-19.01.2021, it-Taqsima 5 (it-tisħiħ tal-implimentazzjoni u l-infurzar tas-sanzjonijiet tal-UE), p. 16, disponibbli fuq https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0032&from=MT; Fl-istess Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tinnota li l-implimentazzjoni [tal-miżuri restrittivi tal-UE] mhijiex uniformi madwar l-UE kif suppost għandha tkun. Dan joħloq distorsjonijiet fis-Suq Uniku peress li l-kumpaniji tal-UE, inklużi s-sussidjarji tal-UE ta' kumpaniji barranin, jistgħu jevitaw il-projbizzjonijiet. Dan joħloq ukoll inċertezza fost l-operaturi. Kif ikkwotat, l-infurzar inkonsistenti jimmina l-effikaċja ta' [miżuri restrittivi] u l-kapaċità tal-UE li titkellem b'vuċi waħda. Fost inizjattivi oħrajn, l-istrateġija titlob għal aktar ħidma ta' koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-pieni nazzjonali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-UE jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

[6] Pereżempju, ara l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, test konsolidat disponibbli fuq EUR-Lex - 02014R0833-20220413 - MT - EUR-Lex (europa.eu).

[7] Huwa nnotat li din il-klawżola hija applikabbli wkoll jekk il-miżuri restrittivi ma jkunux inkisru; huwa biżżejjed li jipparteċipaw fi skemi maħluqa għal dak il-għan.

[8] L-approssimazzjoni ta' definizzjonijiet u sanzjonijiet kriminali ma tistax issir fuq il-bażi ġuridika mhux leġiżlattiva tal-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tipproponi li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Ladarba l-Kunsill jilħaq ftehim u l-Parlament Ewropew jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE, il-Kummissjoni se tkun f'pożizzjoni li tipproponi Direttiva skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tista' tapprossima d-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet kriminali.

Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li l-individwi u l-entitajiet elenkati involuti fil-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jinżammu responsabbli, illum il-Kummissjoni qed tadotta wkoll Komunikazzjoni, li għandha anness li jistabbilixxi l-elementi ewlenin li jistgħu jkunu inklużi f'Direttiva futura dwar sanzjonijiet kriminali għall-ksur tar-regoli tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi.[9]

It-taqsimiet ta' hawn taħt jeżaminaw il-problemi li l-proposta attwali tfittex li tindirizza, flimkien mal-kawżi sottostanti tagħhom u l-konsegwenzi negattivi kkawżati mis-sitwazzjoni attwali. Dan se jiġi segwit minn preżentazzjoni tal-objettivi tal-proposta, u l-valur miżjud tagħha, inklużi r-raġunijiet għaliex tikkonforma mal-kriterji għaż-żieda ta' qasam ta' kriminalità mal-Artikolu 83(1) TFUE.

(2) Problemi indirizzati mill-proposta

Hekk kif l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni intensifikat matul l-aħħar deċennji[10], hekk ukoll intensifikaw l-iskemi sabiex jiġu evitati, inkluż minn dawk fuq lista ta' miżuri restrittivi li għandhom riżorsi tajbin u li jistgħu jagħmlu użu minn "faċilitaturi" (avukati, nutara, eċċ.) u "għodod" (pereżempju strutturi legali kumplessi sabiex jaħbu s-sjieda benefiċjarja tal-assi) sabiex jevitaw l-applikazzjoni tagħhom.

F'dan ir-rigward, huwa ta' rilevanza partikolari rapport tal-2021 min-Network Ewropew tal-punti ta' kuntatt dwar persuni li huma responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra ("Network għall-Ġenoċidju")[11]. Abbażi ta' valutazzjoni komparattiva tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri, ir-rapport tan-Network għall-Ġenoċidju jindika li fil-prattika, ftit individwi jew persuni ġuridiċi responsabbli għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni effettivament jinżammu responsabbli[12]. Madankollu, dan jinnota wkoll li " reċentement tista' tiġi osservata xejra pożittiva fl-għadd ta' azzjonijiet ta' infurzar imnedija u ż-żieda fil-pieni imposti minn ċerti awtoritajiet nazzjonali"[13].

---

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Lejn Direttiva dwar pieni kriminali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, COM (2022) 249 tal-25.05.2022.

[10] Ara l-mappa tas-Sanzjonijiet tal-UE, nota 1 aktar 'il fuq.

[11] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi network Ewropew ta' punti ta' kuntatt dwar persuni li huma responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra (2002/494/ĠAI) Eurojust, Network għall-Ġenoċidju, ara https://www.eurojust.europa.eu/judicial-cooperation/practitioner-networks/genocide-network?msclkid=de6a1668cf6011eca5681e93e0033be2.

[12] In-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, p. 4. Ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni rilevanti mill-Istati Membri u mill-Istati Osservaturi tan-Network hija pprovduta fl-anness tar-rapport tal-esperti, ara https://www.eurojust.europa.eu/sites/default/files/assets/genocide_network_report_on_prosecution_of_sanctions_restrictive_measures_violations_23_11_2021.pdf; Fid-dawl ta' preżentazzjoni fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN), ir-rapport ġie ppubblikat ukoll fid-dokument tal-Kunsill 7274 tas-16 ta' Marzu 2022.

[13] In-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, p. 13.

Minkejja x-xejriet pożittivi f'xi Stati Membri, jidher li hemm biss ftit li fihom għaddejjin proċedimenti ġudizzjarji relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni[14]. Dan jista' jservi bħala indikazzjoni li ma tingħatax prijorità suffiċjenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni f'ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiffaċċjaw ostakli sinifikanti minħabba l-kategorija speċifika ta' trasgressuri, vittmi u n-natura kumplessa (tal-kombinazzjoni) tar-reati kkonċernati.

Il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni spiss ikollhom natura transfruntiera. Pereżempju, kumpanija tista' tixtri tagħmir permezz ta' intermedjarju barrani, bl-għarfien li l-bejjiegħa veri huma pajjiżi, entitajiet u individwi soġġetti għal miżuri restrittivi[15]. Fil-qasam tal-iffriżar tal-assi, pereżempju, bank internazzjonali jista' jiffaċilita t-trasferiment ta' jott "iffriżat" li jkun proprjetà ta' individwu elenkat. Tali trasferiment ipprojbit jista' jinvolvi ditta legali, li tgħin fit-twettiq tar-reat billi tifformula d-dokumenti għall-bejgħ tal-jott u, f'xi każijiet, uffiċjal korrott tal-gvern li jippermetti l-bidla fis-sjieda tiegħu. Il-kumpaniji tal-ħasil tal-flus u/jew fittizji jistgħu jkunu wkoll mezz aċċessorju sabiex jaħbu l-oriġini tal-pagament għall-jott.

Peress li spiss ma jkun hemm l-ebda vittma diretta tal-ksur tal-miżuri restrittivi, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tagħhom jiddependu fuq l-identifikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Barra minn hekk, ir-rapporti minn informaturi[16] jew ilmenti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[17] għandhom rwol importanti fir-rapportar ta' ksur tal-miżuri restrittivi.

Fir-rigward tal-interazzjoni tal-approċċ tal-Istati Membri lejn il-kriminalizzazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni b'miżuri ta' konfiska, jenħtieġ li jiġi indikat li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-konfiska hija possibbli biss abbażi ta' kundanna kriminali, jew tal-anqas rabtiet stabbiliti ma' attivitajiet kriminali. Madankollu, anke jekk f'diversi Stati Membri l-ksur tal-miżuri restrittivi jkun ġie kriminalizzat, id-differenzi fost l-Istati Membri jistgħu jwasslu għal approċċ frammentat f'każijiet transfruntieri.

(3) Kawżi sottostanti tal-problemi

Dawk involuti fi prattiki illeċiti li jikkonċernaw miżuri restrittivi tal-Unjoni jistgħu jibbenefikaw mill-fatt li l-Istati Membri għandhom definizzjonijiet u pieni differenti ħafna għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont id-dritt amministrattiv u/jew kriminali tagħhom[18]. Xi Stati Membri jużaw definizzjonijiet wiesgħa, bħal "ksur tas-sanzjonijiet tan-NU u tal-UE" jew "ksur tar-regolamenti tal-UE"[19]. Stati Membri oħrajn għandhom

[14] Għal għażla ta' każijiet ara n-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, p. 14.

[15] *Idem*, p. 19-20.

[16] EU Sanctions Whistle-blower Tool, disponibbli fuq: https://eusanctions.integrityline.com/frontpage.

[17] Eżempju huwa l-kawża *Lafarge* ibbażata fuq ilment kriminali minn żewġ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, flimkien ma' 11-il eks impjegat Sirjan ta' Lafarge diskuss fin-Network għall-Ġenoċidju, Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva, 2021, it-Taqsima 4.2., p. 17; il-kawża numru 19-87.367 - Cour de Cassation (Franza), is-7 ta' Settembru 2021, it-traduzzjoni bl-Ingliż disponibbli fuq https://www.eurojust.europa.eu/sites/default/files/assets/21.09.07._cour_de_cassation_decision.pdf.

[18] *Idem*, it-Taqsima 5, p. 22.

[19] Pereżempju, l-Artikolu 459 tal-Kodiċi Doganali Franċiż (*Code des douanes*) jipprovdi li "kwalunkwe persuna li tikser jew tipprova tikser miżuri ta' restrizzjoni ekonomika u finanzjarja deċiżi (i) fil-livell tal-UE abbażi tal-Artikolu 215 TFUE jew (ii) abbażi ta' ftehimiet internazzjonali ratifikati minn Franza tiffaċċja sa ħames snin priġunerija. Il-persuni ġuridiċi jistgħu jiġu mħarrka wkoll għal tali reati.", ara n-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, anness; Għall-verżjoni oriġinali bil-Franċiż, ara https://www.legifrance.gouv.fr/codes/id/LEGITEXT000006071570/?msclkid=ad92a692cece11ec9180daeb34a1af50; Il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka u l-Litwanja għandhom dispożizzjonijiet simili fis-seħħ, ara n-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, l-anness.

dispożizzjonijiet aktar dettaljati fis-seħħ, pereżempju billi jipprovdu lista ta' kondotta pprojbita[20].

Abbażi tat-tweġibiet li waslu għal kwestjonarju ċċirkulat min-Network għall-Ġenoċidju, il-konsultazzjonijiet ulterjuri tiegħu[21] u r-riċerka addizzjonali mwettqa mill-Kummissjoni fid-dawl ta' din il-proposta, jista' jiġi konkluż li fi 13-il Stat Membru, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jista' jammonta għal reat amministrattiv jew kriminali. Il-kriterji skont liema l-imġiba taqa' taħt reġim wieħed jew ieħor huma differenti f'kull Stat Membru, iżda normalment huma relatati mal-gravità tagħhom (natura serja), jew iddeterminati f'termini kwalitattivi (intenzjoni, negliġenza serja) jew kwantitattivi (danni)[22]. Fi 12-il Stat Membru, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni huwa reat kriminali biss. Madankollu, f'żewġ Stati Membri, ir-reat speċifiku ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jista' jirriżulta biss f'pieni amministrattivi [23].

**Tabella: Kategorizzazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni**

| **Kategorizzazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni** | **Stati Membri** |
|---|---|
| Il-ksur tal-miżuri restrittivi huwa reat kriminali jew amministrattiv | BE, BG, CZ, DE, EE, IE, EL, IT, LT, AT, PL, RO, SI |
| Il-ksur tal-miżuri restrittivi huwa reat kriminali | DK, FR, HR, CY, LV, LU, HU, MT, NL, PT, FI, SE |
| Il-ksur tal-miżuri restrittivi huwa reat amministrattiv | ES, SK |

Fir-rigward tas-sentenzi ta' ħabs, f'14-il Stat Membru t-tul massimu ta' priġunerija huwa ta' bejn sentejn u ħames snin filwaqt li fi tmien Stati Membri, huma possibbli sentenzi massimi ta' bejn tmien snin u 12-il sena[24]. Il-multa massima li tista' tiġi imposta għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni – jew bħala reat kriminali jew amministrattiv – tvarja ħafna fost l-Istati Membri, minn EUR 1200 sa EUR 500 000[25]. Erbatax-il Stat Membru jipprevedu r-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni[26]. Tnax-il Stat Membru jipprevedu pieni amministrattivi, b'mod partikolari multi, li jistgħu jiġu imposti fuq persuni ġuridiċi meta l-impjegati tagħhom (jew tal-anqas il-maniġment) jiksru s-sanzjonijiet[27]. Il-multi massimi għall-persuni ġuridiċi jvarjaw minn EUR 133 000 sa EUR 37,5 miljun[28].

---

[20] Pereżempju l-Artikolu 18(2) u 19(5) tal-Att Ġermaniż dwar il-Kummerċ Barrani u l-Pagamenti (*Außenwirtschaftsgesetz*), ara https://www.gesetze-im-internet.de/awg_2013/?msclkid=77c4bc27ced011ecad0f49edf9add31e. Stati Membri oħrajn fejn il-liġi nazzjonali tmur lil hinn milli tipprevedi għall-kriminalizzazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni huma, pereżempju, l-Ungerija u s-Slovenja, ara n-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, it-Taqsima 5, l-anness.

[21] In-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, l-anness.

[22] In-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, it-Taqsima 5.1., p. 22.

[23] *Idem*.

[24] *Idem*, it-Taqsima 5.2., p. 23.

[25] *Idem*, it-Taqsima 5.1., p. 24.

[26] *Idem*, abbażi tar-rapport tan-Network għall-Ġenoċidju u investigazzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni.

[27] *Idem*, it-Taqsima 5.3., p. 24.

[28] *Idem*, it-Taqsima 5.1., p. 24.

Fl-aħħar nett, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni huwa punibbli permezz tad-dritt kriminali f'għadd ta' pajjiżi terzi wkoll, bħall-Kanada[29] u l-Istati Uniti ("l-Istati Uniti"). Id-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti għandu ġuriżdizzjoni kriminali fuq il-ksur intenzjonat tal-miżuri restrittivi f'konformità mal-International Emergency Economic Powers Act ("IEEPA")[30] u mat-Trading with the Enemy Act.[31] Skont it-Taqsima 206 tal-IEEPA, il-pieni kriminali għall-ksur intenzjonat tal-miżuri restrittivi jinkludu terminu massimu ta' 20 sena priġunerija u multa massima ta' USD 1 miljun[32]. L-awtoritajiet tal-Istati Uniti imponew multi kriminali kbar għall-ksur tal-miżuri restrittivi.

## (4) Konsegwenzi negattivi tal-i*status quo*

Fin-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, u li l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom l-għodod u r-riżorsi xierqa disponibbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, l-individwi u l-persuni ġuridiċi ddeżinjati li l-assi tagħhom ikunu ffriżati jkomplu jkunu jistgħu jaċċessaw l-assi tagħhom fil-prattika u jappoġġaw ir-reġimi li huma fil-mira tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-fatt li l-Istati Membri għandhom definizzjonijiet differenti ħafna ta', u pieni eteroġeni, għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont id-dritt amministrattiv u/jew kriminali tagħhom jindika li l-istess ksur jista' jkun punibbli b'pieni differenti u b'livelli differenti ta' infurzar. Politikament, dan idgħajjef l-infurzar tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u jimmina l-kredibbiltà tal-objettivi tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, ir-rikavat iġġenerat mill-isfruttament tal-merkanzija u tar-riżorsi naturali nnegozjati bi ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jista' jippermetti wkoll lill-entitajiet jew lill-individwi fil-mira ta' dawk il-miżuri restrittivi jixtru armi li bihom ikunu jistgħu jwettqu r-reati tagħhom[33]. Barra minn hekk, il-ksur tar-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni jista' jikkontribwixxi għall-isfruttament illegali tal-merkanzija u tar-riżorsi naturali fil-pajjiż fil-mira ta' dawk il-miżuri restrittivi[34], bi ħsara ambjentali u soċjali sussegwenti.

## (5) Għanijiet tal-proposta

F'dan l-isfond, u fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li tintemm l-impunità għal ksur tal-miżuri restrittivi wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, din il-proposta għandha l-għan li tagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 83(1), it-tielet subparagrafu tat-TFUE.

---

29 In-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, p. 13.

30 50 U.S.C, il-paragrafi 1701-06(2011); Congressional Research Service, *The International Emergency Economic Powers Act: Origins, Evolution and Use*, Marzu 2022, disponibbli fuq https://crsreports.congress.gov/product/pdf/R/R45618/8.

31 50 U.S.C, il-paragrafi 4301-41 (2009).

32 IEEPA, it-Taqsima 206: § 510.701 Pieni: "(a) It-Taqsima 206 tal-International Emergency Economic Powers Act (50 U.S.C.1705) (IEEPA) hija applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liċenzja, deċiżjoni, regolament, ordni, direttiva, jew struzzjoni maħruġa minn jew skont id-direzzjoni jew l-awtorizzazzjoni tas-Segretarju tat-Teżor skont din il-parti jew inkella skont l-IEEPA (…) (3) Persuna li intenzjonalment twettaq, intenzjonalment tipprova twettaq, jew tgħin jew tassisti fit-twettiq ta' ksur ta' kwalunkwe liċenzja, ordni, regolament, jew projbizzjoni tista', wara kundanna, tiġi mmultata mhux aktar minn $1,000,000, jew jekk persuna fiżika, tintbagħat il-ħabs għal mhux aktar minn 20 sena, jew it-tnejn."

33 In-Network għall-Ġenoċidju, *Il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021, p. 14.

34 *Idem*, p. 5.

F’konformità ma’ din il-proċedura, abbażi tal-iżviluppi fil-kriminalità, il-Kunsill jista’ jadotta deċiżjoni li tidentifika oqsma oħrajn ta’ kriminalità li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fl-Artikolu 83(1) TFUE. Jenħtieġ li dawn ikunu oqsma ta’ “kriminalità partikolarment gravi ta’ dimensjoni transkonfinali li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta’ dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni.”[35]. Il-Kunsill jaġixxi b’mod unanimu wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

L-Artikolu 83(1) TFUE bħalissa ma jippermettix l-istabbiliment ta’ regoli minimi dwar id-definizzjoni u l-pieni għal kwalunkwe ksur, inkluża ċ-ċirkomvenzjoni, tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni peress li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni bħala tali għadu mhuwiex kopert mill-oqsma ta’ kriminalità elenkati f’dak l-Artikolu. L-oqsma ta’ kriminalità attwalment elenkati huma t-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni ta’ mezzi ta’ ħlas, il-kriminalità tal-informatika u l-kriminalità organizzata. Madankollu, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jista’ jkun relatat ma’ reati kriminali koperti minn xi wħud mill-oqsma ta’ kriminalità elenkati, bħat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus.

Il-kriterji msemmija fl-Artikolu 83(1) TFUE relatati mad-dimensjoni transfruntiera ta’ qasam ta’ kriminalità, jiġifieri n-natura, jew l-impatt ta’ reati kriminali u l-ħtieġa speċjali li tiġi miġġielda fuq bażi komuni huma interkonnessi u jenħtieġ li ma jiġux ivvalutati f’iżolament. Fil-każ ta’ ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, dawn il-kriterji jiġu ssodisfati minħabba li:

- L-ewwel nett, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi kkwalifikat bħala qasam ta’ kriminalità sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi. Il-ksur tal-miżuri restrittivi diġà huwa kkategorizzat bħala reat kriminali mill-maġġoranza tal-Istati Membri. Fost dawk l-Istati Membri li jikkategorizzaw il-ksur tal-miżuri restrittivi bħala reat kriminali, xi wħud għandhom definizzjonijiet wiesgħa fis-seħħ, bħal “ksur tas-sanzjonijiet tan-NU u tal-UE” jew “ksur tar-regolamenti tal-UE”, filwaqt li oħrajn għandhom dispożizzjonijiet aktar dettaljati, pereżempju li jipprovdu lista ta’ kondotta pprojbita. Il-kriterji skont liema l-imġiba taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt kriminali jvarjaw fost l-Istati Membri, iżda normalment ikunu relatati mal-gravità tagħhom (natura serja), jew iddeterminati f’termini kwalitattivi (intenzjoni, negliġenza serja) jew kwantitattivi (danni).
- It-tieni, dan huwa qasam partikolarment serju ta’ kriminalità, li jippreżenta, fil-gravità, serjetà simili għall-oqsma ta’ kriminalità diġà elenkati fl-Artikolu 83(1) TFUE, peress li jista’ jipperpetwa t-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, jimmina l-konsolidazzjoni u l-appoġġ għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u jirriżulta fi ħsara ekonomika, soċjali/soċjetali u ambjentali sinifikanti. L-individwi u l-persuni ġuridiċi ddeżinjati li l-assi tagħhom jkunu ffriżati, ikomplu jkunu jistgħu jaċċessaw l-assi tagħhom fil-prattika u jappoġġaw reġimi li huma fil-mira ta’ miżuri restrittivi. Bl-istess mod, il-flus iġġenerati mill-isfruttament tar-riżorsi naturali nnegozjati permezz tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jistgħu jippermettu wkoll lir-reġimi fil-mira ta’ dawk il-miżuri restrittivi jixtru armi li bihom jeżegwixxu r-reati tagħhom. Barra minn hekk, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jista’ jikkontribwixxi għall-isfruttament illegali tal-merkanzija u r-riżorsi naturali fir-reġim fil-mira ta’ dawk il-miżuri restrittivi.

[35] L-Artikolu 83(1) TFUE.

- It-tielet, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni għandu dimensjoni transfruntiera ċara u xi drabi anke inerenti. Mhux biss huma normalment imwettqa minn persuni fiżiċi u entitajiet ġuridiċi li joperaw fuq skala globali iżda f'xi każijiet il-miżuri restrittivi tal-Unjoni, bħar-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq is-servizzi bankarji, saħansitra jipprojbixxu l-operazzjonijiet transfruntieri. Għalhekk, skont id-definizzjoni, il-ksur tagħhom jitwettaq fuq skala transfruntiera li teħtieġ rispons transfruntier komuni fil-livell tal-Unjoni.
- Ir-raba', il-fatt li l-Istati Membri għandhom definizzjonijiet u pieni differenti ħafna għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont id-dritt amministrattiv u/jew kriminali tagħhom jissuġġerixxi li l-istess ksur jista' jkun punibbli b'pieni differenti u b'livelli differenti ta' infurzar. Dan jimmina l-objettivi tal-Unjoni sabiex jiġu ssalvagwardjati l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u jiġu rrispettati l-valuri komuni tal-Unjoni. Għalhekk, hemm ħtieġa speċjali għal azzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi indirizzat il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz tad-dritt kriminali.
- Il-ħames, id-definizzjonijiet differenti tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, u s-sanzjonijiet eteroġeni għalihom, skont id-dritt amministrattiv u/jew kriminali tal-Istati Membri jirrappreżentaw ostakolu għall-applikazzjoni konsistenti tal-politika tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi. Dawn jistgħu jwasslu saħansitra għal għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni mit-trasgressuri u fl-aħħar mill-aħħar għall-impunità tagħhom minħabba li jistgħu jagħżlu li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-Istati Membri li jipprevedu rispons anqas sever għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-armonizzazzjoni żżid ukoll l-effett ta' deterrent tas-sanzjonijiet għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Lil hinn mill-konformità mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 83(1) TFUE, azzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni mhux biss tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri, iżda tikkontribwixxi wkoll għal kundizzjonijiet ekwi globali u għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-ġlieda kontra l-ksur tal-miżuri restrittivi.

Kif se jiġi diskuss aktar hawn taħt, il-proposta sabiex il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE tikkomplementa l-proposta tal-Kummissjoni[36] li għandha l-għan li tirrevedi d-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kunsill Dwar l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi[37]. Id-Direttiva l-ġdida proposta dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi tapplika għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni sa fejn dan ir-reat ikun armonizzat skont id-dritt tal-Unjoni.

Ladarba l-Kunsill, wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jaqbel li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied bħala qasam ta' kriminalità skont l-Artikolu 83(1) TFUE, il-Kummissjoni se tkun tista' tipproponi Direttiva dwar il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Kif imsemmi, illum il-Kummissjoni qed tadotta wkoll Komunikazzjoni, li għandha anness li jistabbilixxi l-elementi ewlenin li jistgħu jiġu

---

36 Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, COM (2002) 245 tal-25.05.2022.

37 Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39-50; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha, ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103-105.

inklużi f'Direttiva futura dwar sanzjonijiet kriminali għall-ksur tar-regoli tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi[38].

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") jistabbilixxi l-valuri komuni tal-Unjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-infurzar effettiv tal-miżuri restrittivi, inkluż permezz ta' miżuri tad-dritt kriminali bl-għan li jindirizzaw il-ksur tal-miżuri restrittivi, jappoġġa ż-żamma ta' tali valuri komuni fl-Unjoni u lil hinn minnha.

Barra minn hekk, l-Unjoni tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u għas-sistemi legali u t-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri. Għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri li jinkludu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, ir-razziżmu u l-ksenofobija. Skont l-Artikolu 83(1) TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni fl-oqsma ta' kriminalità partikolarment serja b'dimensjoni transfruntiera, li jirriżultaw min-natura jew mill-impatt ta' tali reati jew minn ħtieġa speċjali li jiġu miġġielda fuq bażi komuni.

Kif imsemmi qabel, l-iffaċilitar tal-approssimazzjoni ta' definizzjonijiet u pieni kriminali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni se jikkomplementa l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà[39] u l-istrateġija tal-UE sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata[40].

Din il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali li jintraċċaw u jidentifikaw, jiffriżaw u jimmaniġġjaw proprjetà li hija r-rikavat jew l-mezz strumentali tal-kriminalità. Barra minn hekk, din tipprevedi qafas legali msaħħaħ dwar il-konfiska inklużi każijiet speċifiċi fejn kundanna għal reat speċifiku ma tkunx possibbli.

Barra minn hekk, il-proposta l-ġdida tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi billi tirrikjedi li l-Istati Membri jippermettu l-intraċċar u l-identifikazzjoni ta' proprjetà marbuta ma' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni kif definiti skont id-dritt nazzjonali u billi tagħmel ir-regoli riveduti dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi applikabbli għar-reat kriminali tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Wara l-adozzjoni ta' Direttiva li tapprossimizza d-definizzjonijiet u s-sanzjonijiet relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, li l-elementi potenzjali tagħhom huma diskussi aktar fil-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq adottata wkoll illum, ir-regoli dwar l-intraċċar u l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-ġestjoni, u l-miżuri ta' konfiska jsiru applikabbli għal proprjetà relatata mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, ir-rikavati mill-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, pereżempju f'każijiet fejn individwi u kumpaniji jagħmlu disponibbli fondi għal dawk soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji mmirati (jiġifieri l-iffriżar tal-assi),

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Lejn Direttiva dwar pieni kriminali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, COM (2022) 249 tal-25.05.2022.

[39] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020)605 final tal-24.07.2020.

[40] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata, COM (2021) 70 final tal-14.04.2021.

jistgħu jsiru s-suġġett ta' miżuri ta' konfiska. Fl-istess ħin, il-mezzi strumentali li jintużaw sabiex jiġi segwit il-ksur tal-miżuri restrittivi jistgħu jsiru wkoll is-suġġett ta' konfiska.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

*Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi tal-Unjoni*

L-istabbiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni tad-dritt kriminali ta', u l-pieni għal, ksur tal-miżuri restrittivi bbażati fuq l-Artikolu 83(1) TFUE jsaħħaħ l-infurzar tal-miżuri restrittivi fl-Istati Membri, u b'hekk jikkomplementa l-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikolu 29 TUE u mal-Artikolu 215 TFUE. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponew li tissaħħaħ id-dispożizzjoni dwar il-pieni fir-Regolamenti 833/2014 u 269/2014 fil-qafas tas-sitt pakkett ta' miżuri restrittivi b'rispons għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Id-dispożizzjonijiet emendati jobbligaw lill-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni, inkluż, kif xieraq, il-pieni kriminali, applikabbli għall-ksur ta' dawn ir-regolamenti u jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri jridu jipprevedu wkoll miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur. Madankollu, kif imsemmi qabel, l-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE mhumiex bażi ġuridika għall-approssimazzjoni ta' definizzjonijiet kriminali u t-tipi u l-livelli ta' pieni kriminali.

*Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 dwar is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea*

Barra minn hekk, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2021 intitolata "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza"[41], il-Kummissjoni tinnota li l-implimentazzjoni [tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni] mhijiex uniformi madwar l-Unjoni kif għandha tkun. Dan joħloq distorsjonijiet fis-Suq Uniku, peress li l-kumpaniji tal-Unjoni, inklużi s-sussidjarji tal-UE ta' kumpaniji barranin, jistgħu jsibu mezzi sabiex jevitaw il-miżuri restrittivi. Dan joħloq ukoll inċertezza fost l-operaturi. Kif ikkwotat, l-infurzar inkonsistenti jimmina l-effikaċja ta' [miżuri restrittivi tal-Unjoni] u l-kapaċità tal-Unjoni li titkellem b'vuċi waħda. Fost inizjattivi oħrajn, l-istrateġija titlob għal aktar ħidma ta' koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-pieni nazzjonali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-UE jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

## (2) BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Skont l-Artikolu 83(1) TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma ta' kriminalità partikolarment serja b'dimensjoni transfruntiera li jirriżultaw min-natura jew mill-impatt ta' tali reati jew minn ħtieġa speċjali li jiġu miġġielda fuq bażi komuni. Dawk l-oqsma ta' kriminalità, li huma elenkati f'dan l-artikolu, huma dawn li ġejjin: it-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tan-nisa u t-tfal, it-traffikar illeċitu tad-droga, it-traffiku

[41] COM(2021) 32 final tad-19.01.2021

illeċitu ta' armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas, il-kriminalità tal-informatika u l-kriminalità organizzata. Kif inhi bħalissa, din il-lista ma tippermettix l-istabbiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni ta', u s-sanzjonijiet għal, ksur tal-miżuri restrittivi.

Din il-proposta għandha l-għan li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 83(1), it-tielet subparagrafu, tat-TFUE. F'konformità ma' din il-proċedura, abbażi tal-iżviluppi fil-kriminalità, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni li tidentifika oqsma oħra ta' kriminalità li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fl-Artikolu 83(1) TFUE, f'dan il-każ il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Il-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-ġustifikazzjoni għal kif il-kriterji speċifikati skont l-Artikolu 83(1) TFUE huma ssodisfati f'dan il-każ ġiet diskussa fit-Taqsima 1.5 hawn fuq.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE, għandu jintlaħaq fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk huwa konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'dan il-każ partikolari, il-ħtieġa għal azzjoni fil-livell tal-Unjoni ġiet murija aktar meta ġie diskuss għaliex il-kriterji speċifikati skont l-Artikolu 83(1) TFUE huma ssodisfati (it-Taqsima 1.5 hawn fuq).

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li kwalunkwe miżura proposta mill-Kummissjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tagħha. Id-deċiżjoni li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-lista ta' reati tal-UE fl-Artikolu 83(1) TFUE hija proporzjonata fid-dawl tal-fatt li l-kriterji speċifikati skont l-Artikolu 83(1) TFUE huma ssodisfati. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fit-tieni pass. B'mod partikolari, din la tiddetermina u lanqas tantiċipa l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni sekondarja li tista' tiġi proposta sussegwentement.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għandha l-għan li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 83(1), it-tielet subparagrafu. F'konformità ma' din il-proċedura, abbażi tal-iżviluppi fil-kriminalità, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni li tidentifika oqsma oħra ta' kriminalità li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fl-Artikolu 83(1) TFUE, f'dan il-każ il-ksur tal-miżuri restrittivi. Huwa għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

## (3) RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Kummissjoni stabbiliet it-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" fil-bidu ta' Marzu 2022. L-għan tagħha huwa li tiżgura l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri fl-infurzar tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni fir-rigward ta' individwi u kumpaniji elenkati Russi u Belarussi, u li tesplora l-interazzjoni bejn il-miżuri restrittivi tal-Unjoni u l-miżuri tad-dritt kriminali. Dawn l-iskambji ta' fehmiet kienu jinkludu laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet, il-Eurojust u n-Network għall-Ġenoċidju[42], li s-Segretarjat tiegħu huwa ospitat mill-Eurojust.

Sottogrupp speċifiku tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" huwa ddedikat għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. B'mod partikolari, jindirizza l-mistoqsijiet imqajma mill-awtoritajiet nazzjonali u jesplora modi possibbli sabiex jidentifika l-assi b'mod proattiv. Ir-rappreżentanti u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri jipparteċipaw f'dan is-sottogrupp. Matul l-iskambji ta' fehmiet li saru fil-kuntest ta' dan is-sottogrupp, f'diversi okkażjonijiet irriżultaw diffikultajiet sabiex l-individwi u l-persuni ġuridiċi involuti fil-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jinżammu responsabbli. Il-parteċipanti f'tali skambju argumentaw ukoll favur approċċ komuni tad-dritt kriminali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Evidenza tal-ħtieġa għal tali approċċ komuni hija speċifikament prevista f'rapport imħejji min-Network għall-Ġenoċidju[43] u ppubblikat f'Diċembru 2021. Dan ir-rapport jenfasizza l-ħtieġa għall-penalizzazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-individwi jew il-persuni ġuridiċi responsabbli għal tali ksur jinżammu responsabbli b'mod effettiv[44]. Barra minn hekk, dan jikkonkludi li l-"prosekuzzjoni ta' ksur tas-sanzjonijiet tista' toffri xibka ta' sikurezza sabiex tiġi evitata l-impunità", speċjalment fir-rigward tar-rabta ma' reati internazzjonali ewlenin[45].

Barra minn hekk, id-diskussjonijiet fis-sottogrupp tat-Task Force dwar l-investigazzjonijiet u l-konfiska wrew l-importanza ta' approċċ u koordinazzjoni proattivi fost l-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali, flimkien mas-sħab internazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti investigattivi, jenħtieġ li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni sabiex jiksbu l-informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jibdew investigazzjoni.

Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-Grupp ta' Esperti tagħha dwar il-Politika Kriminali tal-UE fit-13 ta' Mejju 2022[46], li laqa' l-idea li jiġu armonizzati d-definizzjonijiet u s-sanzjonijiet fil-livell tal-Unjoni.

---

[42] Eurojust, In-Network għall-Ġenoċidju, ara https://www.eurojust.europa.eu/judicial-cooperation/practitioner-networks/genocide-network?msclkid=de6a1668cf6011eca5681e93e0033be2.

[43] In-Network għall-Ġenoċidju, *Rapport Espert dwar il-prosekuzzjoni tal-ksur ta' sanzjonijiet (miżuri restrittivi) fil-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali: analiżi komparattiva*, 2021.

[44] *Idem*, p. 4.

[45] *Idem*, p. 26.

[46] Il-Kummissjoni Ewropea, Grupp ta' Esperti dwar il-Politika Kriminali tal-UE, https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2760&msclkid=56005123cfaf11ec8de3edb643537b59.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza eċċezzjonali, ma setgħet issir l-ebda valutazzjoni tal-impatt, u l-obbligu rilevanti tneħħa. Il-proposta sabiex il-ksur tal-miżuri restrittivi jiżdied mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE, fiha nnifisha, ma għandha l-ebda impatt fuq il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, l-operaturi ekonomiċi jew iċ-ċittadini.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta la tiddetermina u lanqas tantiċipa l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni sekondarja li għandha sussegwentement tiġi proposta mill-Kummissjoni ladarba l-Kunsill jiddeċiedi, wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-lista ta' reati tal-UE skont l-Artikolu 83(1) TFUE. L-approssimazzjoni tad-definizzjonijiet u tas-sanzjonijiet kriminali se jkollha tqis id-differenzi bejn is-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-pieni. Barra minn hekk, id-Direttiva sussegwenti jkollha tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") [47].

(4) IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta biex il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE, fiha nnifisha, ma toħloq l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv għall-UE, għall-gvernijiet nazzjonali, għall-awtoritajiet reġjonali jew lokali, għall-operaturi ekonomiċi jew għaċ-ċittadini.

(5) ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

**Artikolu 1**

F'konformità mal-Artikolu 1, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni se jiżdied bħala qasam ta' kriminalità skont it-tifsira tal-Artikolu 83(1) TFUE.

**Artikolu 2**

L-Artikolu 2 jittratta d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti għal azzjoni, dan għandu jkun fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

[47] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391–407.

2022/0176 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar iż-żieda tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[48],

Billi:

(1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jiżdied mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

(2) L-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") jipprevedi li l-Kunsill jista' jadotta deċiżjonijiet li jiddefinixxu l-approċċ tal-Unjoni għal kwistjoni partikolari ta' natura ġeografika jew tematika, inklużi miżuri restrittivi.

(3) L-Artikolu 215 TFUE jippermetti lill-Kunsill jadotta miżuri restrittivi kontra persuni u gruppi fiżiċi jew ġuridiċi, jew entitajiet mhux statali, jew li jadotta miżuri li jipprevedu l-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, abbażi ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 29 TUE. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tar-Regolamenti tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi tal-Unjoni.

(4) Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, il-miżuri restrittivi tal-Unjoni huma miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 29 TUE u tal-Artikolu 215 TFUE, bħal pereżempju l-miżuri ta' ffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi, il-projbizzjonijiet kontra t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u l-projbizzjonijiet tad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-miżuri ekonomiċi settorjali u l-embargo tal-armi.

(5) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tal-miżuri restrittivi kollha tal-Unjoni, inklużi l-obbligi, bħar-rapportar, stabbiliti fihom. Dawk il-pieni jenħtieġ li jindirizzaw ukoll iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

(6) Il-Kummissjoni żgurat il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE fl-infurzar tal-miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u esplorat l-interazzjoni bejn il-miżuri restrittivi u l-miżuri tad-dritt kriminali.

(7) L-Artikolu 83(1) TFUE bħalissa ma jippermettix l-istabbiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni u l-pieni għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, peress li l-

[48] ĠU C , , p. .

ksur tagħhom bħala tali għadu mhuwiex kopert mill-oqsma ta' kriminalità elenkati f'dak l-Artikolu. L-oqsma ta' kriminalità attwalment elenkati huma t-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas, il-kriminalità tal-informatika u l-kriminalità organizzata. Madankollu, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jista' jkun relatat ma' reati kriminali koperti minn xi wħud mill-oqsma ta' kriminalità elenkati, bħat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus.

(8) Il-kriterji msemmija fl-Artikolu 83(1) TFUE relatati mad-dimensjoni transfruntiera ta' qasam ta' kriminalità, jiġifieri n-natura, jew l-impatt ta' reati kriminali u l-ħtieġa speċjali li tiġi miġġielda fuq bażi komuni huma interkonnessi u jenħtieġ li ma jiġux ivvalutati f'iżolament.

(9) Il-ksur tal-miżuri restrittivi jenħtieġ li jiġi kkwalifikat bħala qasam ta' kriminalità sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi. Il-ksur tal-miżuri restrittivi diġà huwa kkategorizzat bħala reat kriminali mill-maġġoranza tal-Istati Membri. Xi Stati Membri li jikkategorizzaw il-ksur tal-miżuri restrittivi bħala reat kriminali, għandhom definizzjonijiet wiesgħa fis-seħħ, bħal "ksur tas-sanzjonijiet tan-NU u tal-UE" jew "ksur tar-regolamenti tal-UE", filwaqt li oħrajn għandhom dispożizzjonijiet aktar dettaljati, pereżempju li jipprovdu lista ta' kondotta pprojbita. Il-kriterji skont liema l-imġiba taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt kriminali jvarjaw fost l-Istati Membri, iżda normalment ikunu relatati mal-gravità tagħhom (natura serja), jew iddeterminati f'termini kwalitattivi (intenzjoni, negliġenza serja) jew kwantitattivi (danni).

(10) Il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni huwa qasam ta' kriminalità partikolarment serju, li f'termini ta' gravità jippreżenta serjetà simili għall-oqsma ta' kriminalità diġà elenkati fl-Artikolu 83(1) TFUE, peress li jista' jipperpetwa t-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, jimmina l-konsolidazzjoni u l-appoġġ għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u jirriżulta fi ħsara ekonomika, soċjali/soċjetali u ambjentali sinifikanti. Minħabba tali ksur, l-individwi u l-entitajiet li l-assi tagħhom jkunu ġew iffriżati jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu ristretti jkomplu jkunu jistgħu jaċċessaw l-assi u jappoġġaw reġimi li huma fil-mira tal-miżuri restrittivi jew ikomplu jaċċessaw fondi tal-Istat li allegatament inkisbu b'miżappropprjazzjoni. Bl-istess mod, il-flus iġġenerati mill-isfruttament ta' merkanzija u riżorsi naturali nnegozjati bi ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jistgħu jippermettu wkoll lir-reġimi fil-mira ta' dawk il-miżuri restrittivi jixtru l-armi, li bihom jeżegwixxu r-reati tagħhom. Barra minn hekk, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni relatati mal-kummerċ jista' jikkontribwixxi għall-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali fil-ġuriżdizzjoni fil-mira ta' dawk il-miżuri restrittivi;

(11) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu 1196 (1998) tas-16 ta' Settembru 1998, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti enfasizza l-importanza li tissaħħaħ l-effettività tal-embargo tal-armi bħala mezz sabiex titnaqqas id-disponibbiltà tal-armi li bihom jitwettqu l-kunflitti armati. Heġġeġ ukoll lill-Istati jikkunsidraw, bħala mezz ta' implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom li jwettqu d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar l-embargo tal-armi, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni jew miżuri legali oħra li jagħmlu l-ksur tal-embargo tal-armi stabbilit mill-Kunsill tas-Sigurtà reat kriminali.

(12) Il-fatt li l-Istati Membri għandhom definizzjonijiet u pieni differenti ħafna għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont id-dritt amministrattiv u/jew kriminali tagħhom jissuġġerixxi li l-istess ksur jista' jkun punibbli b'pieni differenti u b'livelli differenti ta' infurzar. Dan jimmina l-objettivi tal-Unjoni sabiex jiġu ssalvagwardjati l-paċi u s-

sigurtà internazzjonali u jiġu rrispettati l-valuri komuni tal-Unjoni. Għalhekk, hemm ħtieġa speċjali għal azzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi indirizzat il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz tad-dritt kriminali.

(13) Il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni għandu dimensjoni transfruntiera ċara u xi drabi anke inerenti. Mhux biss normalment jitwettqu minn persuni fiżiċi u entitajiet ġuridiċi li joperaw fuq skala globali iżda f'xi każijiet il-miżuri restrittivi tal-Unjoni, bħar-restrizzjonijiet fuq is-servizzi bankarji, saħansitra jipprojbixxu l-operazzjonijiet transfruntieri. Għalhekk, skont id-definizzjoni, il-ksur tagħhom jitwettaq fuq skala transfruntiera li teħtieġ rispons transfruntier komuni fil-livell tal-Unjoni.

(14) Id-definizzjonijiet differenti ta', u s-sanzjonijiet eteroġeni għal, ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont id-dritt amministrattiv u/jew kriminali tal-Istati Membri, jirrappreżentaw ostaklu għall-applikazzjoni konsistenti tal-politika tal-Unjoni dwar miżuri restrittivi. Dawn jistgħu jwasslu saħansitra għal għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni mit-trasgressuri u għall-impunità tagħhom minħabba li jistgħu jagħżlu li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-Istati Membri li jipprevedu rispons anqas sever għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-armonizzazzjoni żżid ukoll l-effett ta' deterrent tas-sanzjonijiet għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

(15) Għalhekk, il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jenħtieġ li jikkostitwixxi "qasam ta' kriminalità" peress li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE.

(16) Azzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni mhux biss tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri, u ssaħħaħ l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-indirizzar tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni; din tikkontribwixxi wkoll għal kundizzjonijiet ekwi globali f'termini ta' infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi dwar il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

(17) L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri ż-żieda tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni mal-oqsma ta' kriminalità stabbiliti fl-Artikolu 83(1) TFUE, jenħtieġ li jinkiseb fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk huwa konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

(18) Għalhekk, l-estensjoni tal-lista tal-oqsma ta' kriminalità fl-Artikolu 83(1) TFUE sabiex tkopri l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni hija meħtieġa, bħala l-ewwel pass, sabiex tippermetti, bħala t-tieni pass, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja sostantiva, *inter alia* li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjonijiet u l-pieni għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

(19) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma taffettwax l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fit-tieni pass. B'mod partikolari, jenħtieġ li din la tiddetermina u lanqas tantiċipa l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni sekondarja li għandha tiġi proposta sussegwentement.

(20) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(21) [nuqqas ta' parteċipazzjoni:] F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

JEW [parteċipazzjoni:] F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat, [, permezz tal-ittra ta' …,], ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(22) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex tippermetti b'mod urġenti l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjonijiet u l-pieni għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni għandu jkun qasam ta' kriminalità skont it-tifsira tal-Artikolu 83(1) TFUE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*